MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 84/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Mary Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Mary Briffa talli fl-14 ta' Awwissu 2004, fl-Imqabba ghall-habta tas-7.30 p.m., offenda lil Adreana Pace;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Mary Briffa hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Mary Briffa pprezentat fit-22 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u invece tghaddi sabiex tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta’ l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu stante li tali imputazzjoni hija wahda li fiha hemm indikat mhux biss il-gurnata izda hemm ukoll hin partikolari, u cioe` “ghall-habta tas-**7.30 p.m.**”, mentri mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi dak li allegatament sehh fil-fatt gara “ghall-habta tas-**7.30 a.m.**”.

L-appellant ghandu ragun. Din il-Qorti semghet ix-xhieda u minn dak li qalu jirrizulta li dak li qed jigi allegat li ghamel l-appellant gara filghodu u mhux filghaxija. P.S. 849 Ivan Curmi xehed li kien xoghol ta’ filghodu u sar rapport minn Adreana Pace wara t-tmienja ta’ filghodu. Adreana Pace u zewgha Rokku Pace t-tnejn xehdu li l-kaz gara f’xis-7.30 ta’ filghodu.

L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi “ghall-habta ta’” tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u tilliberah minn din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------